



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-14 ta' Settembru 2017

### L-awdituri jippubblikaw briefing dwar awditu rigward il-pjanijiet tal-UE għall-broadband

Illum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat Briefing dwar Awditu rigward il-pjanijiet tal-UE għall-provvista ta' servizzi tal-broadband fl-Ewropa. Briefings dwar Awditi huma tip ġdid ta' pubblikazzjoni mill-awdituri tal-UE. Huma jipprovdu informazzjoni ta' sfond ibbażata fuq xogħol ta' tnejn li jirriżultat minn qabel il-bidu ta' kompitu tal-awditjar li jkun għaddej, u jiġu ppubblikati wara li jitħabbar l-awditu. Huma intenzjonati biex ikunu sors ta' informazzjoni għal dawk interessati fil-politika u/jew fil-programmi li jkunu qed jiġu awditjati.

L-ewwel Briefing dwar Awditu huwa bbażat fuq ix-xogħol li qed isir għal awditu dwar jekk il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri humiex fit-triq it-tajba biex jilħqu l-oġettivi ta' Ewropa 2020.

L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, tal-2010, kellha l-għan li sal-2013 jinġieb il-broadband bażiku għall-Ewropej kollha u li jiġi żgurat li sal-2020 ikun hemm kopertura tal-broadband veloċi għall-Ewropej kollha, kif ukoll li sal-2020 ikun hemm aktar minn 50 % tad-djar li jabbonaw għall-broadband ultraveloċi.

Studji li saru mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment jistmaw li jkun meħtieġ ammont sa EUR 270 biljun biex jintlaħqu l-miri għall-broadband tal-2020. Il-finanzjament mill-UE għall-infrastruttura tal-broadband jirrappreżenta aktar minn EUR 14-il biljun fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali.

L-awditu, li qed jitmexxa minn Iliana Ivanova, Membru tal-QEA, qed iqis jekk l-Istati Membri żviluppawx u implimentawx strateġiji xierqa għall-ilħuq tal-oġettivi għall-broadband stabbiliti mill-Kummissjoni, u x'inhil-probabbiltà li huma jilħqu dawn l-oġettivi. Huwa qed jeżamina l-użu ta' bosta sorsi ta' finanzjament, kemm mill-UE kif ukoll dak nazzjonali, għall-broadband, u l-livell sa fejn il-Kummissjoni appoġġjat u mmonitorjat l-Istati Membri biex jilħqu l-oġettivi għall-broadband.

Biex jittestjaw dan, l-awdituri għażlu kampjun ta' tliet Stati Membri: l-Irlanda, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Polonja u l-Italja. Huma stabbilew l-ambitu u l-approċċ tal-awditjar, u identifikaw l-oqsma ta' riskju għal ġestjoni finanzjarja tajba.

Huwa mistenni li jiġi ppubblikat rapport speċjali fir-rebbiegħa tal-2018.

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-briefing dwar awditu mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-briefing sħiħ dwar l-awditu huwa disponibbli bl-Ingliż fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).*

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors

T: (+352) 4398 47063

T: (+352) 4398 45410

[eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24